Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 19/2014

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol numru 3089 bejn:**

**Vanessa Fenech (K.I. 461980M)** **(appellata)**

**u**

**SL Shipping Management Company Limited (C 43091)** **(appellanti)**

31 ta' Ottubru 2016

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Vanessa Fenech tad-28 ta' Novembru 2012 prezentat quddiem it-Tribunal Industrijali permezz ta' liema ppremettiet li hija kienet ilha mpjegata mas-socjeta' ntimata fuq bazi ndefinita u *full time* mill-1 ta' Lulju 2010. Il-kariga li kienet tokkupa kienet dik ta' *Safety Superintendent*. Permezz ta' itta datata 19 t'Ottubru 2012 hija giet infurmata li l-impieg taghha kien qieghed jigi terminat minhabba ristrutturar li kien qieghed isir fis-socjeta' u li xogholha kien ser jibda jsir mill-*current security superintendent.* B'dan hija fehmet li xogholha kien ser jibda jsir minn impjegat iehor tal-istess socjeta', certu Clive Mallia. Izda wara din l-ittra hija giet mitluba taghti *hand over* ta' xogholha lil certu Matthew Refalo li ma kienx impjegat tas-socjeta'.
Fenech ilmentat li mhuwhiex minnu ghalhekk li l-pozizzjoni taghha giet *redundant* izda din il-kariga giet rimpjazzata minn Matthew Refalo, haga li s-socjeta' ntimata ma setghetx taghmel. Anzi s-socjeta' kellha l-obbligu li terga' toffri l-pozizzjoni lir-rikorrenti jekk din tkun vakanti fi zmien sena. Fil-fehma tar-rikorrenti r-*redundancy* ntuzat biss bhala skuza biex ix-xoghol taghha jinghata lil persuna ohra li lanqas biss kienet impjegata mas-socjeta' ntimata. It-Tribunal intalab jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrenti kienet ingusta u jaghti wkoll ir-rimedju opportun.

Rat ir-risposta tas-socjeta' ntimata SL Ship Management Limited tat-8 ta' Jannar 2013[1] permezz ta' liema eccepiet illi l-asserzjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati stante illi huma mxew skont id-drittijiet taghom fic-cirkustanzi, fejn il-persuna li bdiet taghmel ix-xoghol tar-rikorrenti kienet ilha hafna snin taghti servizz lis-socjetajiet li fosthom hemm ir-rikorrenti, u r-riorganizzazzjoni hadet dan in konsiderazzjoni.

[1] Fol 22.

Rat id-decizjoni tat-2 ta' Lulju 2014 tat-Tribunal[2]:

***"4. Deċiżjoni***

*It-Tribunal Industrijali isib li t-tkeċċija tar-Rikorrenti Vanessa Fenech minn mas-Soċjetà Intimata SL Ship Management Co. Ltd. ma kienitx għal raġuni ġusta u suffiċjenti.*

***5. Kumpens***

*Wara li ra l-Artikolu 81 tal-Kap 452 it-Tribunal Industrijali jillikwida l-kumpens dovut mis-Soċjetà Intimata lir-Rikorrenti fl-ammont ta' €30,000 li jridu jitħallsu hekk: €10,000 immedjatament u l-bilanċ ta' €20,000 f'ammonti ta' €2,000 kull xahar bl-ewwel pagament isir fit-30 ta' Lulju 2014. Jekk tinqabes xi skadenza, tkun xi tkun ir-raġuni, il-bilanċ kollu dovut isir ipso facto pagabbli immedjatament.*

*Peress li kariga li kienet tokkupa r-Rikorrenti kienet waħda eżekuttiva li teħtieġ fiduċja speċjali fil-ħila li taqdi d-dmirijiet tagħha, t-Tribunal mhux qed jordna ir-riimpieg tagħha mas-Soċjetà Intimata.*

*B'hekk jintemm dan il-Każ."*

Dan wara li t-Tribunal ghamel is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

i. Ir-rikorrenti kienet taqdi l-kariga ta' *Safety Superintendent* mas-soċjetà ntimata skond kuntratt tax-xogħol indefinit mill-1 ta' Lulju 2010;
ii. Is-soċjetà ntimata kienet topera fil-qasam ta' mmanigjar tal-vapuri tal-grupp kif ukoll ta' kumpaniji oħra fl-istess grupp. Ir-rikorrenti kienet taqdi doveri tagħha f'dawn il-kumpaniji;
iii. Fl-2012 naqas ix-xogħol fil-Kumpanija u fil-fatt naqsu l-vapuri li l-Grupp kien iħaddem u għalhekk kien hemm bżonn ta' ristrutturar fil-Grupp u ġie deċiż li r-Rikorrenti bħala l-impjegata bl-inqas servizz tisfa *redundant*;
iv. Ix-xogħol tagħha ġie allokat lill Matthew Refalo impjegat tal-Grupp li kellu snin iktar ta' servizz mir-Rikorrenti;
v. Jirrizulta li dan Matthew Refalo ma kienx impjegat ta' SL Ship Management Co. Ltd. għad li fil-passat għamel xi żmien impjegat magħha;
vi. Is-soċjetà ntimata tirritjeni li l-Grupp ta' Kumpaniji li s-sidien beneficjarji tagħhom huma l-istess nies jaħdmu b'mod komplimentari ma' xulxin minħabba n-natura tax-xogħol tagħhom;
vii. Il-kwistjoni kollha ddur madwar ir-relazzjoni bejn ir-rikorrenti u s-soċjetà ntimata kif ukoll x'posizzjoni għandu Matthew Refalo li lilu ġie assenjat ix-xogħol li kienet tagħmel ir-rikorrenti;
viii. Ma hemmx dubju li l-vinkolu kontrattwali tar-Rikorrenti kien mas-soċjetà ntimata kif jidher ċar mill-kuntratt ta' xoghol. Mhux hekk il-każ ta' Matthew Refalo. Skond ir-records tal-ETC, Matthew Refalo kien impjegat tas-Soċjetà Intimata għal tliet xhur biss, bejn l-1 ta' Jannar u l-1 ta' April 2009. Għaldaqstant huwa manifestament ċar li

[2] Fol 214 et seq.

Matthew Refalo ma kienx impjegat tas-soċjetà ntimata f'Ottubru tal-2012 meta r-rikorrenti ġiet liċenzjata għad li jidher li kien impjegat ma' kumpanija fl-istess Grupp u preċiżament Waste Oils Co. Ltd.;

ix. Stat ta' *redundancy* jokkorri meta l-impjegat isir superfluwu għall-operat tal-kumpanija. F'dan il-każ ma jistax jingħad li r-rikorrenti saret superfluwa għas-sempliċi raġuni li xogħolha kien neċessarju li jitkompla jsir. Tant hu hekk li ġie allokat lil persuna oħra. Mela ma jistgħax jingħad li x-xogħol li kienet qed tagħmel spiċċa jew ġie allokat lil xi impjegat ieħor fil-Kumpanija;

x. Kienet x'kienet ir-raġuni tal-liċenzjament tar-rikorrenti zgur li ma kienitx *redundancy*;

xi. Ir-rikorrenti kienet impjegata mas-Soċjetà intimata u mhux mal-Grupp. Il-Grupp fih innifsu ma jidhirx li kellu personalità ġuridika għalih. Iżda anke kieku kien hekk ċertament li l-Grupp ma kienx l-employer tar-rikorrenti;

xii. Tenut dan kollu t-Tribunal huwa tal-fehma li l-liċenzjament tar-rikorrenti ma kienx wieħed a bażi ta' *redundancy* li kienet l-unika raġuni konsistement mogħtija mis-soċjetà ntimata għall-liċenzjament tar-rikorrenti.

Is-socjeta' ntimata appellat minn din id-decizjoni. L-appellata wiegbet[3].

Fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2016 l-appell gie differit ghas-sentenza[4].

Il-Qorti rat l-atti.

**L-ewwel aggravju.**

Skont is-socjeta' appellanti t-Tribunal Industrijali ta nterpretazzjoni zbaljata tal-principji legali applikabbli ghal *redundancy* peress li fil-fehma taghha-

- din ma ssehhx biss f'kazijiet meta x-xoghol partikolari jispicca ghal kollox mis-socjeta' li timpjega izda anke f'cirkostanzi fejn tali xoghol jigi esegwit minn haddiehor ghan-nom taghha, kif gara f'dan il-kaz meta ghal ragunijiet operattivi x-xoghol in kwistjoni gie assorbit minn socjeta' ohra fi hdan l-istess grupp ta' kumpaniji;
- dan ir-ristrutturar, permissibbli taht il-kappa ta' trasferiment ta' negozju *a tenur* tal-Kap 452 u l-A.L. 452.85 ma jeskludix ir-*redundancy* izda jesigi biss li f'kaz li fi process bhal dan jirrizulta *surplus* ta' haddiema, tiskatta r-regola tal-*last in first out*;
- fil-kaz odjern, l-appellata kienet ilha fl-impieg ghal hafna anqas mill-individwu li beda jaghmel ix-xoghol taghha fis-socjeta' li lilha giet *outsourced* il-funzjoni precedentement okkupata mill-appellata u ghalhekk ir-regola msemmija giet rispettata.

L-appellanti targumenta wkoll li l-appellata f'ebda stadju ma nvokat il-protezzjoni koncessa

[3] Fol 7 et seq.

[4] Fol 20.

mill-ligi lil haddiema fejn isehh trasferiment ta' negozju, u dan minkejja li hija kienet konsapevoli tal-fatt li xogholha gie trasferit lill-kumpanija ohra minhabba tnaqqis fil-volum tax-xoghol.

Qabel ma jigu analizzati dawn l-agumenti fil-kuntest tal-fattispecje tal-kaz odjern, il-Qorti tqis opportun li jigu elenkati l-principji legali li jirregolaw ir-*redundancy* u t-trasferiment ta' negozju.

L-artiklu 36 tal-Att dwar l-Impieg u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi li **f'kaz ta' *redundancy***, il-principal ghandu d-dmir li:

(i) jaghti avviz ta' temm tal-impieg, iżda kull impjegat li l-impieg tiegħu jiġi terminat minħabba din ir-raguni jkun intitolat għall-impieg mill-ġdid jekk il-post li kien jokkupa qabel jerġa' jkun ottjenibbli fi żmien perjodu ta' sena mid-data ta' tmiem l-impieg (b'kondizzjonijiet mhux inqas favorevoli minn dawk li hu kien ikun intitolat għalihom li kieku l-kuntratt tas-servizz dwaru ma kienx intemm)[5]; u

(ii) jtemm l-impieg ta' dik il-persuna li tkun impjegata l-aħħar fil-klassi tal-impieg milquta minn dik ir-*redundancy*:[6]

Kif inghad minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kaz **David D'Anastasi vs Thermoplastics Limited fis-26 ta' Gunju 2012**[7] -

*"L-artiklu 2 tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta ma jaghtix tifsira tal-kelma redundancy, izda tifsira komprensiva tal-istess kelma tinsab fil-Ligi Ingliza li maghha l-Ligi Maltija ghanda hafna xebh. Il-Ligi Ingliza taghti t-tifsira tal-kelma redundancy kif isegwi:*

*"Redunancy is considered to have taken place when:*
*a) The employer ceases to carry on the business in which the employee was engaged or closes down the place in which he/she was working;*
*b) The business ceases to require people with the particular skills of the employee or needs fewer of them to carry out the work;*
*c) The dismissal is for a reason not related to the individual concerned or for a number of reasons all of which are not so related.*

*This last provision (c) was introduced by the TURERA in 1993 to protect those who found themselves dismissed because of reorganizations, which meant that fewer workers were needed, but whose dismissal did not fall within the previous definition of redundancy." (The Personnel Manager's Factbook – Volume II published by GEE Publishing Limited.*

*Illi dan ifisser li sabiex ikun hemm redundancy irid ikun hemm abolition of post u fil-fatt l-Ligi Maltija segwiet il-Ligi Ngliza fuq dan il-punt tant li fis-sentenzi fl-ismijiet **"Remi Armeni vs Francis Busuttil & Sons Limited"***

---

[5] Sub-artikolu 3.

[6] Sub-artikolu 4.

[7] App Civili Nru 22/11RCP.

*(A.I.C. (RCP) - 28 ta' Gunju 2011) u "**Alessandra Theuma vs Alfred Mangion et** (A.I.C. (PS) – 23 ta' Mejju 2008) gie affermat li –*

*"Fuq din il-materja ta' redundancy jidher li l-kazistika tal-Qrati Inglizi stabbilit dawn il-linji gwida, u cjoe':-*
*(a) was the employee dismissed?*
*(b) If so, had the requirements of the business for the employees to carry out the work of a particular kind ceased or diminished (or were expected to do so)?*
*(c) If so, was the dismissal caused wholly or mainly by that state of affairs?"*

*"Tissokta tirritjeni s-sentenza "**Safe Stores plc vs Burrell"** (1997) li l-minnha l-precitat kweziti ttiehdu, illi taht punt (b) l-element krucjali hu dak jekk verament kien hemm tnaqqis fil-business requirements di fronte ghall-impjegat. Espicitament, tesprimi "in deciding that, tribunals should not introduce "a contract test" whereby they just considered the specific tasks the applicant was employed for".*

*Illi wkoll f'din l-istess linja ta' hsieb is-sentenza "**Shawkat vs Nottingham Hospital NHS Trust"** u ghall-certu sens, mhux lanqas 'il boghod minnhom, id-decizjonijiet ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Victoria Spiteri vs St. Catherine's High School"** (18 ta' Ottubru 2006) **u John Bartolo vs International Machinery Limited** (9 ta' Mejju 2007)".*

Ghal dak li jolqot il-**principji tat-trasferiment ta' negozju** a tenur tal-artikolu 38 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta) u tal-L.S. 452.85 fil-kaz **Maria Norma Abela vs Pater Holding Company Limited et deciz fit-30 t'April 2008**[8], intqal hekk:

*Mill-interpretazzjoni taghha ta' dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi [l-artikolu 38 (1) tal-Kap 452 u r-regolament 3 (1) (a) tal-LS 452.85], il-Qorti taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet:-*

*(1) L-ewwelnett, il-presuppost ghall-iskattar ta' l-Artikolu 38 tal-Kapitolu 452 ghaf-favur ta' l-impjegat hu dak li hu jkun assunt mill-kumpanija cedenti f'mument anterjuri ghat-trasferiment, b'mod li, allura, bhal successur fit-titolarita ta' l-azjenda jew tan-negozju, ic-cessjonarju jsir il-principal gdid tieghu. Ifisser, ukoll, illi fis-successjoni ta' dan ir-rapport tax-xoghol c-cessjonarju subentranti jidhol fil-posizzjoni guridika shiha, attiva u passiva, vis-à-vis l-impjegat;*

*(2) In-negozju, ikkunsidrat fl-individwalita` awtonoma tieghu, jitlob il-konkors ta' zewg objettivi principali. Il-wiehed, oggettiv, rapprezentat mill-kontinwita` tan-negozju jew attivita' bhala entita' ekonomiku. L-iehor, soggettiv, konsistenti fis-sostituzzjoni ta' l-imprenditur li kien imexxi dak in-negozju jew attivita`;*

*(3) It-"trasferiment" a sensu tar-regolament imsemmi jirrikorri f'dik l-ipotesi fejn l-attivita' objettiva tan-negozju tibqa' immutata, b' dan li ghandek it-tibdil tat-titolari. Jimplika wkoll, b' konsegwenza, illi dak in-negozju ser jissokta jigi prosegwit mit-titolari l-gdid;*

*Fermi dawn il-konsiderazzjonijiet li johorgu mir-ratio tad-dixxiplina normattiva fl-artikolu ta' l-Att u tar-Regolament korrispondenti, mahsuba biex jiggarantixxu l-kontinwita' u r-regolamentazzjoni tar-rapport tax-xoghol, hu kompitu tal-gudikant li jaccerta x'kien, skond il-volonta tal-kontraenti, l-oggett specifiku tal-kuntratt. Dan dejjem ghal fini li jkun verifikat u stabbilit jekk in-negozju jew attivita` ceduta giex ikkunsidrat fl-awtonomija individwali tieghu;"*

Stabbiliti dawn il-principji l-Qorti tqis li huwa minnu l-argument tal-appellanti li trasferiment ta' negozju ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ma jeskludix *redundancies* jekk b'rizultat ta' dan it-

[8] App Nru 32/2007.

trasferiment jirrizulta *surplus* ta' haddiema fil-kumpanija li tkun assorbiet il-haddiema trasferiti lilha. Izda biex dan isehh, l-ewwel irid isir it-trasferiment tan-negozju, *in toto* jew *in parte*, imbaghad jigu amalgamati l-haddiema l-godda ma' dawk ezistenti u **wara, l-employer il-gdid** jibda l-ezercizzju tar-*redundancies* bit-thaddim tar-regola tal-*last in first out* fejn ikun il-kaz. Tradott fil-kuntest tal-fattispecje tal-kaz odjern, dan ifisser illi biex iregu l-argumenti tas-socjeta' appellanti kien jehtieg jigi muri quddiem it-Tribunal li l-ewwel l-appellata giet trasferita minn mas-socjeta' appellanti ghal ma' Waste Oils Company Limited (fejn kien impjegat Matthew Refalo li lilu gie evetwalment assenjat ix-xoghol taghha) u li wara t-trasferiment, sar ezercizzju minn Waste Oils Company Limited li jkun stabilixxa min bir-regola tal-*last in first out* kellu jitqies *redundant*. F'kull kaz kwalunkwe sensja kienet trid tinghata f'dak il-kaz minn Waste Oils Company Limited bhala l-employer il-gdid li "assorba" x-xoghol u l-haddiema minghand is-socjeta' appellanti. Minn dan ma sehh xejn.

Dak li effettivament sehh fil-kaz odjern fil-fatt huwa totalment differenti ghaliex l-appellata giet impjegata mis-socjeta' appellanti b'effett mill-1 ta' Lulju 2010[9] u baqghet f'dan l-impieg b'mod mhux interrott sakemm fid-19 t'Ottubru 2012[10] tkecciet mill-istess principal. Kien wara li tkecciet li Matthew Refalo, **impjegat ta' socjeta' ohra Waste Oils Company Limited**, beda jaghmel ix-xoghol tal-appellata. Ir-regoli tat-trasferiment tan-negozju u t-thaddim tar-regoli tar-*redundancy* in segwitu ghal tali trasferiment ghalhekk ma japplikawx.

Il-kaz li tressaq quddiem it-Tribunal kien jolqot it-tkeccija tal-appellata minn mas-socjeta' appellanti[11] u l-allegazzjoni li kellu jinvestiga kienet jekk kien hemm kaz genwin ta' *redundancy*.

Fl-ewwel lok jigi osservat li l-kuntratt ta' mpjieg tal-appellata sar bejnha u bejn is-socjeta' appellanti bhala l-uniku *employer* taghha[12] u mhux ma' *Falzon Group*. Fil-fatt l-ittra ta' terminazzjoni tal-impieg harget mill-appellanti u mhux minn Falzon Group li, kif irrikonoxxa Alessandro Runco, General Manager tal-appellanti stess, m'ghandu ebda' personalita' legali; *"The structure of the group…for us….is not a legal entity*[13]*."*

Isegwi ghalhekk li l-valur probatorju tax-xhieda ta' Alessandro Runco[14] u ta' Dr Cornelia Zammit German[15] – fosthom li (a) l-istruttura tal-Grupp hija tali li l-kumpaniji mwaqqfa fi hdanu jaghtu servizzi lil xulxin; (b) li taqsimiet partikolari, ez. dik tal-bahar (*Marine Division*)

[9] Kuntratt ta' mpjieg a fol 3 *et seq*.

[10] Fol 7.

[11] Formola ta' terminazzjoni ta' mpjieg tal-ETC a fol 21.

[12] Kuntratt ta' Xoghol a fol 3.

[13] Xhieda ta' Dr Cornelia Zammit German a fol 38.

[14] Xhieda a fol 24 et seq.

[15] Xhieda a fol 54 et seq.

tinkorpora fiha nies mid-diversi kumpaniji fi hdan il-grupp; u (b) li ma hemmx linja ta' demarkazzjoni cara bejn l-attivitajiet ta' kull kumpanija[16] - huwa biss li jidentifika prattika amministrattiva ghall-ahjar operat tal-grupp. Legalment izda, kull kumpanija ndikata fl-*organogram* a fol 48 ghandha personalita' separata u distinta mill-ohrajn bl-effetti kollha konsegwenzjali fil-ligi. Ghaldaqstant, l-argument tas-socjeta' appellanti li r-*redundancy* sehhet ghax ix-xoghol tal-appellata gie assorbit minn kumpanija ohra fi hdan "il-grupp" hija bla ebda bazi legali.

Jigi osservat ukoll li l-*Employment History* ta' Matthew Refalo[17], li lilu gie assenjat ix-xoghol li kienet taghmel l-attrici, turi li mill-1 ta' Dicembru 2003 sal-31 ta' Dicembru 2008 huwa kien mpjegat bhala *Marine Officer* mas-socjeta' *Hire and Transport Limited* fuq bazi *full-time*. Bejn l-1 ta' Jannar 2009 u l-1 t'April ta' dik is-sena huwa gie mpjegat mas-socjeta' appellanti bhala *Sea Able Person* u mit-2 t'April 2009 huwa gie mpjegat mas-socjeta' Waste Oils Co Ltd bhala *Marine Officer* ukoll *full time* u fuq bazi ndefinita. Dan ifisser li meta gie tterminat l-impieg tal-appellata, Refalo ma kienx impjegat mal-appellanti izda ma' Waste Oils Company Limited. Ghalhekk ir-regola tal-*last in first out* qatt ma kinitx tapplika.

Dwar l-allegat ristrutturar, is-socjeta' appellanti argumentat quddiem it-Tribunal li fil-perjodu li mpjegat lill-appellata, kienu nqasmu d-doveri tas-*safety and security*. Dak iz-zmien kien hemm sitt barkuni u x-xoghol kien aktar voluminuz. Skont Dr Zammit German, sena wara li:

*"...bieghejna tnejn mill-barges u spiccajna b'erba barges in Summer 2011 imbaghad beda jonqos hafna izjed ix-xoghol fejn jidhol safety u rega', ergajna bdejna nahsbu...how to economize more illi l-bunkering industry illum mhijiex xi tip ta' ndustrija li kienet five years ago u ghedna li the best way forward kien li Matthew Refalo jerga' jiehu s-safety tahtu. After all he's very familiar with it u ghamel snin jaghmilha din, jaghmlu dak ix-xoghol u rega' mar ix-xoghol ghand Matthew Refalo[18]."*

Il-Qorti tosserva li bhala fatt, bejn il-bejgh ta' dawn iz-zewg barkuni u t-terminazzjoni tal-imjieg tal-appellata ghaddiet aktar minn sena. Inoltre, Anthony Cachia, li jokkupa l-kariga ta' *Designated Person Ashore* (DPA) u li jirraporta dirett lill-Kap Ezekuttiv tas-socjeta' appellanti, ta stampa pjuttost differenti ta' dak li kien qieghed isehh fil-kumpanija fl-epoka li l-impieg tal-appellata gie terminat. Huwa xehed li sa dakinhar li r-rikorrenti appellata nfurmatu dwar it-terminazzjoni tal-impieg taghha, ma kienx sar diskors dwar *redundancies* fil-Kumpanija:

*"Dr. Joanne Vella Cuschieri: ...qabel giet Vanessa tghidlek tawni l-ittra tar-redundancy jekk xi hadd tennielek xi haga li qed jonqos ix-xoghol jew ma hemmx iktar bzonn ta' Vanessa jew tax-xoghol li taghmel Vanessa.*

*[...]*

[16] Fol 55 u 56.

[17] Fol 183.

[18] Fol 58 u 59.

*Xhud: Le, le hadd ma kien, tant kemm hu veru jigifieri anke ahna qabel kellna management review meeting qatt ma ssemmew, darba kien issemma' xi haga illi l-kumpanija trid taghmel restructuring, imma sa hemmhekk jigifieri* ***anke fil-minuti li ahna jkollna tal-management review meetings jigifieri qatt ma ssemma jigifieri redundancies u affarijiet hekk***[19]*."*

Dan ix-xhud zied li, fil-fehma tieghu difficilment Matthew Refalo seta' jaghmel ix-xoghol kollu li kienet taghmel l-appellata ghax filwaqt li hija kienet *full time* fuq *Safety*, ix-xoghol ta' Refalo bhala Kaptan kien jirrikjedi perjodi regolari fuq il-bahar u ghalhekk ix-xoghol fuq *Safety* seta' jaghmlu biss fil-granet li huwa jkun l-art[20]. Ghalkemm irrikonoxxa li s-socjeta' appellanti qatt ma kellha problemi mar-regolatur li xi obbligi taghha f'dan il-qasam ma kinux qed jigu sodisfatti[21], ix-xhud insista li f'dawn l-ahhar snin kien hemm nuqqasijiet fejn jidhol *Safety* u dawn gew indikati fil-minuti tal-laqghat tal-kumpanija[22]. Cachia kompla kkonferma li fil-perjodu li l-appellata giet dikjarata *redundant*, is-socjeta' appellanti veru kienu naqsulha zewg vapuri izda huwa xehed li dawn il-vapuri kienu l-izghar li kellha l-kumpanija u kienu jahdmu lokalment biss b'dana li, *"allura ma kellhomx il-bzonn li joqoghdu ghal certu maritime legislation regime bhalma huma l-vapuri dawk li nghidulhom imorru international….ma kienx hemm ghalfejn isirilhom certu inspections, certu audits u certu surveys, mela veru li kien hemm certu xoghol fuqhom u veru naqas ix-xoghol imma ma naqasx daqshekk, u jekk tnaqqsu l-izghar zewg vapuri u jekk naqas ghal Vanessa naqas ghal kull min jahdem nahseb jiena fl-SL Ship Management*[23]". Ix-xhud insista wkoll li difficilment seta' jitqies li x-xoghol naqas ghax ghal dak li jolqot Safety ix-xoghol huwa kontinwu, il-ligijiet il-hin kollu jinbidlu, *maintenance* irid jibqa' jsir ecc[24];

Inoltre, m'hemmx provi li qabel inghatat l-ittra ta' terminazzjoni, l-appellata kienet infurmata li jista' jkun hemm lok ta' *redundancy*.

Dan kollu ma jistax hlief jixhet dubju serju fuq it-tezi tas-socjeta' appellanti li x-xoghol li kienet taghmel l-appellata tant naqas li ma kienx ghadu mehtieg li jsir f'SL Ship Management Co. Ltd. Dan id-dubju jkompli jamplifika ruhu:

(a) fid-dawl tal-fatt li apparti r-rikorrenti appellata, ebda haddiem iehor fis-socjeta' appellanti ma gie dikjarat *redundant* fil-perjodu li twaqqfet l-appellata[25]; u

---

[19] Fol 97.

[20] Fol 102-103.

[21] Fol 111.

[22] Fol 111.

[23] Fol 103 -104.

[24] Fol 104.

[25] Fol 104-105.

(b) a bazi ta' diversi episodji li bdew isehhu sa minn xhur qabel it-terminazzjoni tal-impieg tal-appellata. Hija xehdet li malli fi Frar 2012 Alessandro Runco dahal fil-kariga ta' *Fleet Superintendent* mas-socjeta' appellanti, lilha zidulha r-responsabbiltajiet fuq struzzjonijiet tieghu[26]. Mela mhux talli naqas ix-xoghol talli zdied. Fatt li ma giex kontradett u li jirrizulta wkoll mill-emails li pprezentat l-appellata. Inoltre, l-istess korrispondenza hi prova li fix-xhur ta' qabel it-terminazzjoni tal-impieg, ir-relazzjoni bejnha u l-*Fleet Superintendent* Alessandro Runco ma kienet xejn tajba minhabba argumenti differenti. Bizzejjed issir referenza ghal tlett emails partikolari: dik datata 22 ta' Marzu 2012, fejn Runco jikteb hekk lir-rikorrenti–

***"I feel that at this stage the relationship between you and the Company is strained, and we must work to rectify it or seek other solutions[27]."***; u

emails mibghuta ftit jiem qabel it-terminazzjoni tal-impieg taghha fejn fit-8 t'Ottubru 2012 Runco qalilha li **kien ser jiehu passi dixxiplinarji kontra taghha dwar insubordinazzjoni ghall-ordnijiet tal-Management** u l-ghada, 9 t'Ottubru 2012 kitbilha hekk dwar xiri ta' GPS ghal wiehed mill-vapuri:

*"I am sorry Vanessa but I will not approve another purchase since **this is clearly a lack of planning from your side....Your inept decisions are damaging the company and I will definitely not let this happen.***

***If the vessel fails any survey because of your incompetence I will keep you responsible for any losses arising.** So I suggest you get hold of a technician that can solve this problem without incurring any further financial burdens on the Company[28]."*

Sahansitra fl-avviz ta' terminazzjoni li nghata minn Alessandro Runco, jinghad:

*"We regret to advise that due to the reduction in the number of barges operated by the company, and in an effort to manage our costs better, we have decided to consolidate the safety and security duties of the company within the role of the current security superintendent.*

*In view of this, given that you are the last to be employed within the category, we have no choice but to terminate your employment on the basis of redundancy. Without obligation we have sought to identify other suitable positions, but none are available"*

Effettivament fir-realta' ma kien hemm l-ebda konsolidazzjoni mal-kariga ta' *security superintendent,* li kienet kariga fl-istess kumpannija tant li fl-ittra jissemma li kienet ser titkecca minhabba *"...that you are the last to be employed within the category...."* Fir-realta, ix-xoghol beda jsir minn haddiem ta' kumpannija ohra. L-inkonsistenza bejn dak li jinghad fl-ittra tad-19 ta' Ottubru 2012 u dak li effettivament gara, tal-istat konfuzjonali li kien hemm fil-kumpannija SL Ship Management Company Limited fir-rigward tat-terminazzjoni ta' impieg tal-appellata.

---

[26] Fol 83, skambju ta' emails a fol 131 et seq u xhieda a fol 167 et seq.

[27] Fol 150.

[28] Fol 157.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-qorti tqis li bir-ragun it-Tribunal wasal ghal konkluzjoni li t-terminazzjoni tal-appellata mill-impieg mas-socjeta' appellata ma kinitx minhabba *redundancy*.

Dan l-aggravju huwa michud.

**<u>It-tieni aggravju.</u>**

L-appellanti tikkritika l-konkluzjoni tat-Tribunal li, *"kienet x'kienet ir-raguni ta' tkeccija, zgur ma kinitx redundancy".* Hi ssostni li dawn il-kliem jaghtu lok li *"…. wiehed jikkonkludi illi t-tkeccija kienet wahda ghal ragunijiet oskuri, insinwazzjoni li ma hemm ebda bazi probatorja ghaliha."* Dan l-aggravju huwa frivolu.

Il-bazi tat-talbiet tal-appellata fir-rikors promotur imressaq quddiem it-Tribunal kienu l-allegazzjonijiet li *"t-terminazzjoni tal-impieg taghha ma kinitx wahda valida fil-ligi"* u li *"r-raguni ta' redundancy ntuzat biss bhala skuza sabiex xoghol ir-rikorrenti jinghata lil persuna ohra li sahansitra lanqas kienet impjegata mal-Kumpanija."*

Ghalkemm hu minnu li fis-sentenza t-Tribunal ma identifikax x'kien il-motiv wara t-tkeccija tal-appellata mill-impieg, jibqa' l-fatt li t-Tribunal ikkonkluda li t-tkeccija ma kinitx minhabba *redundancy*. It-Tribunal ma kellu l-ebda dmir li joqghod jipprova jidentifika x'kien il-motiv veru li wassal lill-appellant biex tkecci lill-appellata. It-Tribunal m'huwiex qieghed hemm sabiex ex officio jipprova jsib xi raguni li kienet tiggustifika t-tkeccija. It-Tribunal ghamel sew li ddecieda l-kaz a bazi tad-difiza li tat l-appellanti. Ladarba l-appellanti ddikjarat li tterminat l-impieg minhabba *redundancy*, kien l-obbligu taghha li tressaq provi konvincenti li hekk kien il-kaz. Peress li t-Tribunal ikkonkluda li dan ma kienx il-kaz, it-Tribunal kellha ragun jikkonkludi li t-tkeccija kienet ingusta.

L-aggravju huwa michud.

**<u>It-tielet aggravju.</u>**

L-appellanti targumenta li l-ammont tal-kumpens akkordat lill-appellata gie stabbilit minghajr spjegazzjoni jew gustifikazzjoni u li dan in-nuqqas jaghti lok ghall-iskartar tad-decizjoni tat-Tribunal.

It-Tribunal qal hekk dwar il-kumpens:

*"**Wara li ra l-Artikolu 81 tal-Kap 452** it-Tribunal Industrijali jillikwida l-kumpens dovut mis-Soċjetà Intimata lir-Rikorrenti fl-ammont ta' €30,000."*

L-artikolu 81(2) tal-Kap 452 jipprovdi:-

*"(a) f'każi ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta, jekk ma jkunx hemm talba speċifika biex jerġa' jidħol fl-impieg jew jerġa' jiġi impjegat, jew it-Tribunal jiddeċiedi li ma għandux jagħmel ordni biex jerġa' jidħol fl-impieg jew jerġa' jiġi impjegat kif inqal qabel, it-Tribunal għandu jaghti sentenza ta' kumpens, li għandha titħallas mill-prinċipal lil min jagħmel l-ilment, rigward it-tkeċċija:*

*Iżda, meta jistabbilixxi l-ammont ta' dak il-kumpens it-Tribunal għandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-ħaddiem li jkun ġie imkeċċi mingħajr kawża ġusta kif ukoll ċirkostanzi oħra, inklużi l-età u s-snajja tal-ħaddiem li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal tal-impieg ta' dak il-haddiem."*

L-ilment tas-socjeta' appellanti f'dan il-kuntest huwa sostanzjalment dwar il-gudizzju ta' fatt li wasal ghalih it-Tribunal meta huwa illikwida l-kumpens dovut lill-appellata.

Kif qalet din il-Qorti fil-kaz **Godwin Vassallo vs Vittoriosa Gaming Ltd** deciza fit-28 ta' Marzu 2008[29] -

*"...hi l-prattika kostanti illi Qorti fi grad ta' appell ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ta' l-ewwel tribunal dwar il-likwidazzjoni tal-kumpens, sakemm dan ma jirrizultalhiex li hu manifestament zbaljat, jew ghal xi raguni ohra gravi. Ara fost ohrajn, "**Joan Zammit vs- S. Borg & Sons Ltd",** Appell, 19 ta' Ottubru, 2005."*

Inghad ukoll fil-**Kwistjoni tax-Xoghol bejn Antonella Mamo u Office Group Ltd tas-7 ta' Ottubru 2016** –

*"Dwar hlas ta' kumpens f'kaz ta' tkeccija ngusta mill-impieg, din il-qorti osservat hekk fil-kaz **Peter Spiteri vs Xuereb Glass Co. Ltd** deciz fl-10 t'Ottubru 2005[30] -*

*"Ibda biex il-ligi specjali applikabbli ma tipprovdi mkien regoli fissi dwar l-ammont tal-kumpens. Tillimita ruhha fil-proviso ta' l-Artikolu 81 (2) ta' l-Att biex tippreciza certi kriterji li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-istabilizzar ta' l-ammont tal-kumpens. Jigifieri "it-Tribunal ghandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-haddiem li jkun gie mkecci minghajr kawza gusta, kif ukoll cirkustanzi ohra, inkluzi l-eta` u s-snajja tal-haddiem li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal ta' limpieg ta' dak il-haddiem";*

*Minn dan hu dezumibbli li l-iffissar ta' l-ammont tal-kumpens hu rimess ghall-arbitriju tat-Tribunal. Arbitriju dan, li hu mistenni wkoll, u dejjem, li jkun wiehed boni viri, bazat fuq apprezzament ekwu skond il-mudell solitu tal-bonus paterfamilias. Tali apprezzament ekwu jimplika gudizzju li jzomm qies tac-cirkostanzi fattwali kollha u rikonciljat ma' l-ezercizzju korrett tal-poteri tat-Tribunal, fl-ambitu wkoll tad-dispost appena accennat".*

Huwa minnu li mill-parti dispozittiva tad-decizjoni kull ma jinghad hu li t-Tribunal ikkunsidrat dak li jipprovdi l-Artikolu 81(2)(a) tal-Kapitolu 452 u llikwidat is-somma ta' €30,000 bhala l-kumpens li ghandu jithallas lill-appellata. Jidher li meta t-Tribunal Industrijali ddecieda l-kawza l-appellata kienet ghadha minghajr impieg. L-impieg tal-appellata kien terminat b'effett mit-22 ta' Ottubru 2012 u t-Tribunal ta s-sentenza fit-2 ta' Lulju 2014. Altru milli kien gustifikat kumpens ta' €30,000.

---

[29] Rik Nru 25/07.

[30] App Nru 8/04.

**Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad l-appell bl-ispejjez kontra s-socjeta appellanti. Peress li l-modalita tal-pagament li ffissa t-Tribunal skadiet, il-hlas lill-appellata hu dovut minnufih.**

Anthony Ellul.